**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Numru 2373
Każ Numru 3077/KBC
Fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn:

Nadya Borg Busuttil (136969M)
u
Maltco Lotteries Ltd (C32326)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 13 ta' Marzu 2015

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-24 t'Ottubru, 2012, li permezz tiegħu r-rikorrenti allegat li l-impjieg tagħha kien ġie terminat mingħajr smiegħ xieraq u għal raġuni mhux ġustifikata;

Ra l-istqarrija tal-każ tar-rikorrenti;

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjetà ntimata li permezz tagħha tat ir-raġunijiet tagħha għat-tkeċċija tar-rikorrenti u stqarret li tali tkeċċija kienet għal raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi;

Ra l-lista tax-xhieda tal-partijiet;

Ra l-affidavit ta' Vasilis Kasiotakis, direttur tas-soċjetà ntimata;

Sema' x-xhieda ta' Ioannis Katakis, Kap Eżekuttiv tas-soċjetà ntimata;

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti, ta' Gejtu Vella (eks-uffiċjal tal-Union Ħaddiema Magħqudin), ta' Mario Cassar (eks-General Director tal-kumpanija ntimata);

Sema' l-kontro-eżamijiet tax-xhieda rispettivi;

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali u t-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ra li fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2014, il-każ ġie differit għad-deċiżjoni;

**Ikkunsidra:-**

Il-mertu tal-każ jipperna fuq ittra li l-prinċipal ippretenda li r-rikorrenti tibgħat lir-riċevituri tal-lottu fid-dawl tal-fehma tal-kumpanija li dawn ma kellhomx rendiment tajjeb biżżejjed. Il-kumpanija tgħid li s-suġġett ta' l-ittra kien jaqa' fir-responsabbiltà tar-rikorrenti u li hi ma kellha ebda raġuni valida għala tirrifjuta li tiffirmaha. Ir-rikorrenti tgħid li kemm kienet ilha mpjegata mall-kumpanija hija ma kenitx iffirmat korrispondenza uffiċjali tal-kumpanija, partikolarment dawk indirizzati lir-riċevituri tal-lottu. Peress li din kienet ittra li ntalbet li tintbgħat mill-Ministru, ħasset li ma kellhiex tkun hi li tiffirmaha. Hi żiedet tgħid li mill-esperjenza tagħha l-kumpanija jkollha aġenda wara l-aġir tagħha u filwaqt li l-ittra kienet qed tgħid li l-kumpanija ser tgħin lill-aġenziji, fil-fatt kienet biss pretest biex tagħlaq lill-aġenziji ż-żgħar. Ir-rikorrenti tat eżempju ta' kif deċiżjonijiet tal-kumpanija kienu ser jaffetwaw ir-riċevituri u fissret li dawn kienu jkunu "legal repercussions" u għalhekk ma rieditx tiffirma l-ittra *de quo,* li qieset bħala li tivvjola l-istandard ta' komportament morali tagħha.

Ir-rikorrenti tgħid li għajr għall-iskambji li hija kellha mat-tmexxija tal-kumpanija, verbali u permezz ta' emails, hija ma ngħatatx opportunità li tiddefendi ruħha qabel tkeċċiet mill-impjieg.

Dan it-Tribunal iħoss li meta r-rikorrenti rrifjutat li toħroġ l-ittra lir-riċevituri tal-lottu, hekk kif kienet espliċitament mitluba mid-diriġenti tal-kumpanija, hija naqset milli

taqdi l-obligi tagħha bħala mpjegata tal-kumpanija ntimata. Il-fatt waħdu li fil-passat ir-rikorrenti ma kienitx tiffirma ittra ta' dik in-natura, ma jiġġustifikax ir-rifjut tagħha li tobdi d-direzzjoni mogħtija lilha mis-superjur tagħha. Dan ir-rifjut seta' però jkun ġustifikat kieku wriet li bil-firma tagħha fuq l-ittra in kwistjoni hija kienet se tippreġudika l-interessi personali tagħha, jew li tesponi ruħha b'xi mod. Madankollu, huwa ċar li l-ittra kienet maħsuba bħala komunikazzjoni mill-kumpanija u mhux mingħandha *proprio*. Jidher li r-rikorrenti, fid-deċiżjoni li ħadet li tirrifjuta ordni tas-superjur tagħha, kienet motivata minn xi kunsiderazzjonijiet jew ħsibijiet li ma kienx jispetta lilha li tidħol fihom. Hawn it-Tribunal jirreferi għall-ilment tar-rikorrenti dwar dik li hija assumiet li hija l-aġenda moħbija tal-kumpanija li tagħlaq ir-riċevituri ż-żgħar. Jekk tassew kienet dik l-aġenda tal-kumpanija, ma kienx jispetta lir-rikorrenti li topponi tali aġenda. Meta opponietha hi minflok ħaddieħor, poġġiet lilha nnifisha f'pożizzjoni ambigwa fejn il-prinċipal kellu bilfors jiddubita jekk l-impjegata kienitx qed taġixxi unikament fl-interess tal-prinċipal tagħha jew jekk kienetx qed tissalvagwardja l-interessi ta' terzi a skapitu tal-kumpanija. Dan l-aħħar punt huwa aktar rilevanti fil-każ odjern fejn ir-rikorrenti kienet "part of the top management of the company." Kien ikun differenti kieku intwera li l-aġenda tal-kumpanija kienet waħda li tikser xi liġi, għaliex ebda mpjegat ma għandu jkun kostrett li jkun strument ta' ksur tal-liġi. Madankollu, l-ilment tar-rikorrenti huwa dwar dak li tqis li huma standards ta' moralità u etika fil-konfront ta' terzi li joperaw mall-kumpanija.

It-Tribunal qies il-provi dwar ir-rendiment tar-rikorrenti matul il-perjodu tal-impjieg tagħha. Ix-xhud Mario Cassar jiddeskrivi r-rendiment tar-rikorrenti bħala sodisafaċenti u li ma kellhiex kwistjonijiet dixxiplinarji fiż-żmien li huwa kien jokkupa l-kariga tiegħu fil-kumpanija ntimata. Huwa jgħid li dokumenti li għandhom in-natura tal-ittra *de quo* solitament kienu jiġu ffirmati minnu u li r-rikorrenti ma kenitx firmatarja tal-kumpanija. Vasilis Kasiotakis, in kontroeżami, jgħid li fil-perjodu li serva hu, r-rikorrenti ma kienitx negliġenti f'xogħolha, sal-punt li setgħet ħolqot problemi lil-Lotteries and Gaming Authority. Però jilmenta li r-rikorrenti ma tatx *input* biżżejjed, fid-dawl tal-irwol kritiku għall-kumpanija li hija kienet tokkupa. Madankollu, filwaqt li lmenta magħha huwa ma tagħhiex twissijiet dwar dak li kien jara bħala nuqqasijiet tagħha.

Magħmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal jemmen li r-rikorrenti naqset milli taqdi d-dmirijiet tagħha u naqset milli turi l-lealtà dovuta lejn il-prinċipal tagħha. It-Tribunal iqis li l-aġir tagħha fl-okkażjoni tal-ittra li ntalbet toħroġ lir-riċevituri kien jimmerita li jkun ċensurat permezz ta' azzjoni dixxiplinarja u eventwali kastig.

Madankollu, abbażi tal-provi mressqa, t-Tribunal jikkonkludi li l-kumpanija ttentat tonfoħ in-nuqqasijiet fir-rendiment tal-impjegata wara li kienet diġà għażlet li ttemmilha l-impjieg fuq l-inċident tal-ittra. Ta' min jinnota li x-xhud Mario Cassar stqarr li r-rendiment tagħha kien sodisafaċenti fiż-żmien li kien hu fil-kariga u s-suċċessur tiegħu kkonferma li r-rikorrenti qatt ma kienet ġiet imwissija formalment dwar nuqqasijiet f'xogħolha.

Meta t-Tribunal qies kif ġiet iddixxiplinata r-rikorrenti fl-okkażjoni tal-ittra, jara li hija kienet taf ben tajjeb li l-aġir tagħha ma kienx qed jinżel tajjeb mall-kumpanija u ma hemmx dubju li hija kienet fehmet li kien ser ikun hemm riperkussjonijiet għal dan li l-kumpanija ċertament qieset bħala aġir intransiġenti jekk mhux insubordinat. Madankollu, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konsegwenza tan-nuqqas tar-rikorrenti kienet sproporzjonata għall-aġir ilmentat. Il-sanzjoni tat-tkeċċija mill-impjieg hija tassew l-aħħar sanzjoni li għandha tkun użata mill-prinċipal u ċertament mhix deċiżjoni li għandha tittieħed b'mod leġġer. F'dan il-każ, in-nuqqas tal-impjegata kien ta' riljev meta tqis il-kariga għolja li kienet tokkupa, iżda n-nuqqas ma kellu ebda konsegwenza fuq l-operat tal-prinċipal.

It-Tribunal għalhekk jikkonkludi li s-soċjetà ntimata naqset li tipprova li kien hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-temm tal-impjieg tar-rikorrenti u, wara li qies iċ-ċirkostanzi tat-tmiem tal-impjieg u wkoll iċ-ċirkostanzi soġġettivi tal-impjegata, sejjer jillikwida kumpens favur ir-rikorrenti.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi fl-ewwel lok jiddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg tagħha mas-soċjetà ntimata ma kienitx għal raġuni tajba u biżżejjed fil-liġi u, għalhekk, a tenur tal-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jiffissa kumpens fl-ammont ta' tlett'elef euro (€3,000) u jikkundanna lis-soċjetà ntimata tħallas tali kumpens lir-rikorrenti.**

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assistita l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru tas-seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**